

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1325/2013

tad-9 ta' Diċembru 2013

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

zjali għal ċerti kategoriji ta' prodotti, inkluż il-karburant, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1213/2012 ⁽²⁾.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Is-suq tal-Unjoni għall-karburant tal-ġettijiet jiddependi b'mod konsiderevoli fuq l-importazzjonijiet ta' karburant tal-ġettijiet minn pajjiżi terzi.
- (2) Għalkemm il-ftehimiet bilaterali dwar l-avjazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi normalment jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjoni mid-dazju fuq il-karburant tal-ġettijiet, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni dwar l-eżenzjoni mid-dazju għal karburant tal-ġettijiet sabiex ċarezza u uniformità jkunu żgurati f'dan ir-rigward, sabiex tingħata ċertezza legali lill-operaturi u sabiex jiġi evitat kwalunkwe tgħawwiġ tal-kompetizzjoni li jirriżulta minn Prattiki u regoli differenti.
- (3) Parti sinifikanti tal-importazzjonijiet tal-karburant tal-ġettijiet lejn l-Unjoni toriġina minn pajjiżi li jibbenefikaw mill-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati jew għandhom aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni, u għalhekk l-importazzjonijiet jkunu ħielsa mid-dazju.
- (4) Bl-applikazzjoni ta' preferenzi tariffarji skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ li tidda mill-1 ta' Jannar 2014, għadd ta' pajjiżi li huma esportaturi importanti tal-karburant tal-ġettijiet mhux se jkomplu jibbenefikaw minn dak l-aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni, u ċerti pajjiżi esportaturi oħra mhux se jibbenefikaw minn dak l-aċċess preferen-

- (5) L-impożizzjoni ta' dazji doganali fuq il-karburant tal-ġettijiet minn dawn il-fornituri x'aktarx tikkawża żieda fil-prezz tal-karburant tal-ġettijiet fis-suq tal-Unjoni minħabba li mhuwex ekonomikament vijabbli għal raffineriji fl-Unjoni li jżidu l-produzzjoni tagħhom tal-karburant tal-avjazzjoni b'mod sinifikanti.

- (6) Huwa għalhekk xieraq li tiġi sospiża r-rata awtonoma tad-dazju doganali għall-karburant tal-ġettijiet. Is-sospensjoni għandha tkopri l-prodotti kollha li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710 19 21. Filwaqt li jitqiesu tibdiliet futuri possibbli fis-sitwazzjoni tas-suq tal-karburant tal-ġettijiet, is-sospensjoni għandha tiġi eżaminata mill-ġdid fuq il-bażi ta' valutazzjoni fi żmien ħames snin.

- (7) L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽³⁾ għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, it-test għall-kodiċi NM 2710 19 21 fil-kolonna 3 tat-tabella fil-Kapitolu 27 tat-Taqsima V, jinbidel b'dan li ġej:

“4,7 (*)

(*) Rata awtonoma ta' dazju: B'xejn.”

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1213/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012 li jissospendi l-preferenzi tariffarji għal ċerti pajjiżi beneficijarji tal-SPG fir-rigward ta' ċerti taqsimiet tal-SPG skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (ĠU L 348, 18.12.2012, p. 11).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
A. PABEDINSKIENĒ
